1929-30

IT-TIENI KTIEB
TAT-TLIETA U TLETIN SENA

ĠUNJU
1956

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROG
*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*
KULL TLIET XHUR

IL-KITTIEBA TA' DAN IL-GĦADD


| | | |
|---|---|---|
| EDITUR — Dizzjunarju Bijografiku Nazzjonali | faċċ. | 33 |
| P. MATTEW KAP. — *It-VIII ta' Sett., 1565* | ,, | 35 |
| — *Il-Għanja Tiegħi* | ,, | 38 |
| — *La Vallette* | ,, | 41 |
| I.M.A. — In Memoriam : Fredu Nicholas | .. | 36 |
| P. V. BARBARA, O.P. — *Quddiem il-Madonna tal-Korin* | .. | 38 |
| R MIFSUD BONNICI — Mons. F. S. Caruana | ,, | 39 |
| ĠUŻE' CHETCUTI — G. Curmi, Poeta | ,, | 42 |
| P. AQUILINA — *Qatra Ilma* | ,, | 53 |
| Ġ. ABELA — Christian u Nisrani | ,, | 55 |
| — *Lura* | ,, | 56 |
| J. SCIBERRAS — *Lill-Warda tas-Sur Ivo* | ,, | 57 |
| EDITUR — Nifirħu | ,, | 58 |
| ĠUŻE' CHETCUTI — *Il-Bniedem u Alla* | ,, | 59 |
| Reċensjonijiet | ,, | 60 |

IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

ĠUNJU 1956

# *Dizzjunarju Bijografiku Nazzjonali*

*KULL pajjiż u kull nazzjon għandhom il-ġid u l-foħrija tagħhom u bis-saħħa ta' dawn iż-żewġ għotjien il-popli jimxu 'l quddiem u jieħdu fosthom aktar 'l fuq fost il-għaqda tal-ġnus. Għalhekk kull Gvern iħabrek kemm jista' biex igħolli u jfaħħar il-patrimonju nazzjonali u dan jagħmluh mhux biss għall-ġieħ tal-pajjiż imma wkoll bieR iħajjar u jagħmel il-qalb liċ-ċittadini ħalli jinxteħtu aktar bil-ħrara u bil-ħeġġa għal ħidmiet fejjieda u siewja.*

*Kulħadd jista' jwettaq xi ħaġa għall-ġid tiegħu nnifsu jew ta' għajru; kulma jeħtieġ hi fehma qawwija, ħsieb u għaqal. Hawn min iħaddem moħħu, hawn min iħaddem idejh, hawn min jiflaħ jagħmel ftit u hawn min għandu ħila jtemm ħafna. Bosta drabi jiġri li l-qabża mill-ftit għal wisq titqanqal mill-ħajra għall-ġieħ, jew mir-regħba għall-qligħ. Il-qligħ jissodisfa lil min jaħdem għalhekk biss; imma l-ġieħ fih aktar għaċ-ċqa u għalhekk aktar imfittex.*

*L-aqwa ġieħ li wieħed jista' ikseb f'din il-ħajja hi l-fakra ta' ismu. Kull ġieħ ieħor imsejjes fuq għana, qawwa, setgħa jew ġmiel igħaddi u jintemm fil-milja tas-snin bħal kewkba feġġa. Kien hemm min kellu għana bla qies li tarlu mar-riħ, oħrajn kellhom setgħa u qawwa bla tarf li ntemmu fix-xejn, x'uħud kienu mogħnija bi ġmiel li jsaħħar u li għadda bħal ħolma. Il-lum ħadd ma għadu jsemmihom jew jiftakarhom. Min-naħa l-oħra kien hemm oħrajn li għexu eluf u mijiet ta' snin ilu u li isimhom għadu mfakkar bil-qima u bil-foħrija. Dawn in-nies kbar ifasslu l-ħajja tan-nazzjon, jagħtuha sura u xejra li tagħżilha min-nazzjonijiet oħrajn.*

*It-tifkira ta' dawn in-nies li jidhru fl-istorja tal-pajjiż, qishom kwiekeb fil-beraħ tas-sema, għandha s-siwi tagħha nazzjonali u internazzjonali. Din it-tifkira hija ta' fejda nazzjonali għax hi nixxiegħa ta' għana u ġid spiritwali li jħeġġu l-qalb, idawlu l-moħħ u jseddqu d-dehen; b'daqshekk tissaħħaħ ir-rieda u l-ħerqa tan-nies għal ħidma u għat-tħabrik b'riżq tagħhom infushom, ta' għajrhom u ta' art twelidhom.*

*It-tifkira ta' nies kbar tiswa wkoll biex tressaq lejn xulxin in-nazzjonijiet u tgħaqqadhom f'rabta ta' ħbiberija u ta' għajnuna flimkien billi kull nazzjon tista' titgħallem mill-għerf, mis-sengħa u mill-għaqal ta' nazzjon oħra. Il-koltura, ix-xjenza u l-arti ma għandhomx limiti, huma jxerrdu barka u riżq fuq in-nazzjonijiet kollha. imma l-aktar fuq dawk il-pajjiżi li huma mhejjijin u mgħallmin biex jinqdew b'dak ir-riżq u jistgħallu dik il-barka. Aktar ma pajjiż ikollu nies kbar aktar tkun imxiet 'il quddiem it-thejjija tegħu biex jagħraf it-tajjeb mill-ħażin u biex jitħarreġ fit-tagħlim.*

*Għalhekk il-lum it-tifkira tan-nies kbar hi meqjuma mhux biss f'art twelidhom, iżda kull fejn il-popli għaddew 'il quddiem u fetħu moħħom. Hemm bosta għamliet ta' tifkira: statwi, monumenti, bolli, ismijiet ta' bliet, ta' toroq u ta' mkejjen oħra. Dawn ifakkru l-isem biss u ma jagħtux ħjiel dwar il-ħajja u l-ħidma tan-nies kbar li jfakkru. Dan isir biss bil-kitba u wieħed jista' jaqrahom malajr u bla taħbit fid-dizzjunarju bijografiku. F'dan il-ktieb wieħed isib tagħrif fuq nies kbar li għamlu ġieh lil art twelidhom. Min stħoqqlu tifħir għal ħaġa u min għal oħra, imma kull min wettaq xi ħidma għall-ġid ta' niesu, jew ta' għajru, jew ta' art twelidu jsib post f'dan id-dizzjunarju.*

*Aktar ma jkun mimli d-dizzjunarju bijografiku u aktar ma ikollu ismijiet imniżżla fih, aktar jagħmel ġieh lil pajjiżu. Għalhekk il-lum hemm xejra fin-nazzjonijiet ċivilizzati tad-dinja kollha biex jinġabar tagħrif bijografiku dwar in-nies kollha li għamlu isem fil-pajjiż u jindamm fi ktieb jew dizzjunarju. Dan id-dizzjunarju jiswa mhux biss għat-tagħlim li fih, imma wkoll għall-ħeġġa li jqajjem f'qalb iż-żgħażagħ u għall-għożża lejn art twelidhom li jnissel fihom.*

*Aħna f'Malta għad ma għandniex dan id-dizzjunarju bijografiku u dan hu nuqqas li jmissna nieħdu ħsiebu bla telf ta' żmien. Aħna fiċ-ċokon tagħna għandna nies kbar li għamlu ġieh u ġid lil artna u lil artijiet oħra u nistgħu b'wiċċna minn quddiem niftaħru bihom. Xi tagħrif bijografiku fuq xi uħud minn dawn il-kbar tagħna kien deher fil-perijodiku "L'Arte" fl-1862. It-Tabib Stefano Zerafa fi ktejjeb li ħareġ fl-1858 semma dwar xi nies kbar Maltin. Xi bijografiji oħra dehru 'l hawn u 'l hinn f'ġurnali u perijodiċi, imma ħadd s'issa għadu ma ndaħal biex ifittex, jistħarreġ u jiġbor tagħrif bijografiku fuq in-nies*

*kbar tagħna u jdommu f'dizzjunarju bijografiku. Tassew li dan mhux xogħol ħafif u jeħtieġ għaqal, sabar u gherf, imma aħna għandna nies mogħnija bil-ħeġġa u bil-ħabta għal dan ix-xogħol.*

*Aktar lura f'dan il-għadd ta' "Il-Malti" ssibu profil bijografiku fuq Monsinjur Caruana, bniedem politiku, diplomatiku, General u Isqof li ismu jinqara fl-istorja ta' l-epoka ta' Napuljun. L-awtur ta' dan il-profil, is-Sur Robert Mifsud Bonnici, hu kittieb proli fiku, studjuż ta' l-istorja ta' artna u ammiratur kbir tan-nies kbar Maltin. Aħna nafu li s-Sur Mifsud Bonnici ilu ħafna jqalleb u jfittex fuq il-ħajjiet u l-ħidmiet ta' niesna, u naħsbu li kieku jindaħal hu għalbiex isawwar dizzjunarju bijografiku, dan il-ktieb sa fl-aħħar jara d-dawl J'Alla s-Sur Robert isib min jagħmillu l-ħila u l'Alla l-Bambin jisilfu l-għomor biex naraw mimli dan in-nuqqas fl-patrimonju nazzjonali tagħna — id-Dizzjunarju Bijografiku Nazzjonali.*

---

## IT-VIII TA' SETTEMBRU 1565

### *Ta'* Patri Mattew Kappuċċin

Waqaf il-ġlied u l-qtil mingħajr mogħdrija!
Minn kull fejn tgħaddi Torok maqtulin,
Riħa ta' dħaħen u triqat mimlija
Bċejjeċ t'azzar u t'iġsma tal-mejtin.

Swar minfudin, għadajjar kbar ta' dmija,
Djar ta' taħt fuq, imqades imġarrfin;
'Ma ragħda t'ilħna jgħajtu ferreħija
Dwiet qalb il-ħerba: "Malta tal-Maltin!"

U fuq kull dar jew fejn kien fadal kamra,
Wara Sant'Iermu, perpru ma' kull riħ
Lwien il-bandiera tagħna, bajda w ħamra.

Lemaħha La Vallette rebbieħa mtallgħa,
Beka bil-ferħ, għax Malta żammet sħiħ,
Mar San Lawrenz ma' niesna jrodd ħajr 'l Alla.

IN MEMORIAM

# FREDU NICHOLAS

FIL-23 ta' Mejju, 1956, fil-10.30 ta' filgħodu, sieħbi u ħabibi FREDU NICHOLAS ħalla dan il-wied ta' dnewwa biex imur jingħaqad mal-Ħallieq tiegħu.

Meta miet j'en ma kontx ninsab f'Malta. Aħjar! B'hekk għallinqas jibqa' dejjem fil-fakra tiegħi qisu ħaj. Żgur li kont inħbati ħafna kieku rajtu mejjet u bla ruħ lil dak il-bniedem ħabrieki, fuq tiegħu, dejjem lest biex iwieġeb lill-ħbieb u l-egħdewwa.

Kien twieled f'tas-Sliema fil-15 ta' Marzu, 1889, u meta kellu biss 16-il sena telaq minn Malta u kellu jgħix 'il barra minn art twelidu għal madwar 40 sena. Fil-1946 meta rtira mix-xogħol tiegħu fl-Eġittu, reġa' lura Malta bil-ħsieb li jqatta' l-aħħar snin ta' ħajtu f'art twelidu li għaliha kien tant ħadem, li baqa' jħobbha u jgħożżha. Imma Malta ma laqgħetux tajjeb għax wara xi erba' xhur li waṣal hawn, beda jħoss il-konsegwenzi ta' marda li baqgħet issus fih u żżid dejjem u tgħakksu aktar sakemm fnietu fil-għomor ta' 67 sena.

Fredu matul il-qagħda tiegħu barra minn Malta żar u ħadem f'bosta pajjiżi, imma l-aktar żmien twil għaddieh fl-Eġittu. Flimkien miegħi (li kont ngħix f'Lixandra), ma' Toni Said ta' Port Said, Ġużi Bonello tal-Kajr, u ħafna u ħafna oħrajn, ħdimna bla hedu għal Malta tagħna, għall-Ilsien Malti, għaddrawwiet Maltin, għal dak kollu li hu Malti. Iġġilidna, tqabadna, ktibna b'ħafna ilsna f'kull ġurnal ta' l-Eġittu, u Fredu kien dejjem minn ta' l-ewwel biex ikabbar isem Malta...... imma Malta ma laqgħetux tajjeb meta ġie lura fi ħdanha.

Fredu Nicholas studja fl-iskejjel tal-Gvern u fl-Istitut ta' Cesareo sakemm laħaq l-għomor ta' 16-il sena meta kellu jitlaq, ħin bla waqt, minħabba f'marda ta' missieru biex ikun jista' jsib xi xogħol u jgħin 'il-familja. Kif tistgħu taraw mela Fredu Nicholas jista' jingħad bħala, kif igħidu l-Ingliżi, *a self-made man*. Telaq minn Malta fil-1909 għall-Ingilterra u baqa' għal xi snin fl-Amerika; wara ġie l-Eġittu u l-ħidma tiegħu għall-Kolonja Maltija ma qatgħet qatt mindu medd riġlu fl-Art tal-Faragħuni.

Bħala professjoni għażel l-istenografija (li bil-Malti nsejħulha *sinktib*) li tagħha laħaq l-ogħla tarġa. Biżżejjed ingħidu

li y'. snin ilu rebaħ konkors internzzjonali billi għaraf jittrasporta biċċa bis-sinktb f'bosta ilsna. Nicholas, li hu "Certified Shorthand Teacher" u Fellow ta' l-Assoċjazzjoni ta' l-Istenografija "Sloan", jaf tajjeb bil-Malti, Ingliż, Taljan, Franċiż u Għarbi.

Bħala ħidma soċjali seħibna għandu *record* mill-isbaħ, u meta ngħidu li huwa wieħed mill-fundaturi tal-Komunità tal-Kajr, ex-Viċi President tal-Beneficenza u ex-Segretarju ta' kull Xirka Maltija tal-Kajr, naħseb li ma hemmx għalfejn ngħidu iżjed.

Imma l-ħidma ta' Nicholas kienet ukoll mill-aqwa fil-qasam *ġurnaliżmu* u ħa sehem f'kull moviment biex l-istampa Maltija tgħix dejjem. Għalhekk l-artikoli tiegħu fl-*Istandard tal-Maltin*, *Qari Malti*, u *Il-Ħabbar Malti* li tiegħu hu l-editur ma naqsu qatt. Imma barra minn bil-Malti kiteb ukoll ħafna artikoli fl-*Egyptian Gazette* u *Egyptian Mail*, dejjem biex jaqbeż għal Malta u għall-Maltin. Dawn l-artikoli bl-Ingliż, minħabba fil-qagħda tiegħu bħala ex-impjegat tal-Gvern Eġizzjan, dehru taħt psewdonomi. Kiteb ukoll ħafna artikoli fil-ġurnali ta' Malta, fosthom *Il-Progress*, *Il-Berqa* u *Doktor Xekkek*.

Ma għandna xi ngħidu xejn, bniedem bħal Nicholas, li għadda l-akbar żmien ta' ħajtu quddiem il-mikteb, ma satax ma jagħtihiex ukoll għal xi studju interessanti fuq l-ilsien Malti li huwa tassew għal qalbu, għalhekk ma rridux ninsew insemmu l-ħidma tiegħu f'dan ix-xogħol ta' fejda u ta' siwi, fosthom. 1. *Stenografija Maltija* (1930); 2. *Sinktib* (1942); 3. *Ġabra ta' Kliem Malti* (1943); *Muftieħ għall-Kitba Maltija* (1945) 5. *Sinonimi Maltin* (1945); 6. *Latin Characters for the Arabic Language* (miktub fil-1943 għall-Akkademja ta' l-Ilsien Għarbi).

Bħala kittieb, imbagħad, il-pinna ħafifa u fejjieda ta' Fredu tatna ħafna xogħlijiet oħra, bħallikieku xi għoxrin poeżija li dehru kollha mitbugħin f'ġurnali ta' Malta jew Eġittu; xi għoxrin novella li ħafna minnhom ġà dehru f'ġurnali jew rivisti; u ħafna bċejjeċ teatrali—oriġinali jew maqlubin minn ilsna oħra—ta' kull ġeneru, jiġifieri drammi twal u buzzetti, kummiedji u farsi, li għalkemm ma dehrux stampati ħafna minnhom ġew maħdumin f'Malta u fl-Eġittu. U peress li fi żmienu Fredu Nicholas kien dilettant tal-palk mit-tajbin u deher fuq ħafna palkijiet kemm f'Malta kif ukoll fl-Eġittu, dak l-effett psikoloġiku fuq il-pubbliku ma setax jonqos. Naħsbu li l-aqwa biċċa xogħol tiegħu għall-palk huwa d-dramm *Hannibal* li kitbu fl-

1936, u nittamaw li għad jidher stampat u mifhum.

Qabel nagħlaq din il-bijografija ma rridx ninsa nsemmi r-rumanz tiegħu *Taħt id-Dell tal-Piramidi* miktub fl-1934 għall-konkors imniedi mill-Gvern ta' Malta bis-saħħa tat-Tabib Ġużè Bonnici (R.J P.) u li ssemma b'ġieħ mill-eżaminaturi. Dan ir-rumanz ma laħaqx deher stampat u issa (xi dnub!) intilef fost il-ħerba ta' dar Maltija (ta' ħu Fredu li joqgħod f'tas-Sliema) milquta b'bomba ta' l-egħdewwa.

San Ġiljan. I.M.A.

## QUDDIEM IL-MADONNA TAL-KORIN

*Ta'* P. VAL. V. BARBARA, O.P.

X'jimporta 'kk mintix għaġeb ta' pittura!
Hawnhekk f'riġlejk tinħass saltna ta' sliem
Li taf il-ġenna, u minn għajnejk miksura
Donnha tissawwab ħniena mingħajr tmiem.
F'sura ta' warda f'fommok tfeġġ tbissima
Li tberred l-eqqel xrar tad-deħ'n u l-qalb,
U trażżan lejk fi rbit ta' mħabba u qima
Qawwet ir-ruħ hekk kif tistrieħ fit-talb.
Hsiebi jintrafa', u bħal itir madwarek.
U ninsa ferħ u dwejjaq, saħħa u mard;
Jiskot kull ħoss, u mxennaq biss għal darek
L-ispirtu tiegħi jogħxa 'l fuq mill-art.
U nħossni qribek f'dan is-skiet divin,
Madonna ħelwa tagħna tal-Korin.

## IL-GHANJA TIEGHI

*Ta'* PATRI MATTEW KAPPUĊĊIN

Jien twelidt fi ħdan l-imħabba,
Għixt bl-imħabba w biha mmut,
Jekk min-nies joftomni l-qabar
Noqgħod waħdi nħobb id-dud.
Għax l-imħabba poeżija,
Fiha biss qalbi tistrieħ,
Nibqa' nħobb u nħobb kemm niflaħ,
Halli n-nies taħqarni sħiħ!

# Mons. F. S. CARUANA Isqof ta' Malta (1759-1847).

*Ta'* Rob. Mifsud Bonnici

Xi AWTURI jfaħħruh u jpinġuh bħala patrijott, difensur ta' art twelidu, filantropu · igħin il-foqra, industrjalist: waqqaf l-industrja ta' l-insiġ f'Ħaż-Żebbuġ fejn twieled, trabba u għex; intrapprenditur qalbieni: fetaħ Istituti tal-Karità; Ġeneral ta' l-Armata Maltija fir-rewixta tal-Maltin kontra l-ħakma Franċiża, liberatur ta' Malta mill-jasar tal-Franċiżi fl-1798-1800 u bħala Isqof ta' Malta mexxa d-Djoċesi bl-għaqal u l-qies ta' Aristide. Xi wħud iżda jżommuh b'egojist, supperv, ambizzjuż, opportunist, traditur!

Fco. Saverio Caruana studja fis-Seminarju taħt il-għaref professur Dun Mikiel Xerri, sar saċerdot u laħaq professur tat-teoloġija, tal-latin, tat-taljan, tal-matematika u tal-filosofija. Papa Ljun VII, il-Priġunier ta' Napuljun, ħatru Arċidjakonu tal-Kattidral. Napuljun Bonaparti ħataf Malta minn idejn l-Ordni Ġerosolmitan, u wara li seraq u faqqar Malta, in-nies ixxewxet, rażżnet, rebħet u bis-saħħa ta' Mons. Caruana nxeħtet f'dirgħajn l-Ingilterra. Naraw lil Mons. Caruana Rettur Manjifiku ta' l-Università, waqqaf il-kattedri tad-"Diritto Canonico" u ta' li "Storia Ecclesiastica"; President tal-Kumitat Sanitarju matul il-pesta ta' l-1813, President ta' l-Isptarijiet u tal-Karità, Protettur tax-Xjenzi u ta' l-Arti b'diploma tar-Re George IV, Vigarju Ġenerali ta' Mons. Isqof Mattei, maħtur Isqof ta' Malta minn Papa Girgor XVI. Miet fis-17 ta' Novembru, 1847 (L'Arte N. 43, Agosto, 1864).

Sir Temi Zammit igħarrafna li fir-Rewixta tal-Maltin kontra l-Franċiżi, il-Kan. Caruana kien jagħmel minn Ħaż-Żebbuġ u mir-rħula ta' madwaru; Manwel Vitale kien jagħmel mill-Imdina, u Ċensu Braret minn Birkirkara...... Miet Labini, 1807, il-Gvern Ingliż irrikkmanda għal Isqof ta' Malta lill-Kan. Ca-

ruana, ir-Re Ferdinandu oppona u l-Papa ħatar Isqof lill-Mons. Mattei. Miet Mattei, 1831, b'talba tal-Gvern Ingliż, din id-darba ġie maħtur Isqof ta' Malta l-Mons. Caruana (Il-Gżejjer ta' Malta u Għawdex u l-Grajja Tagħhom, Empire Press, 1934).

Mons. Prof. Arturo Bonnici jgħarrafna li d-dewmien fil-ħatra ta' Mons. Caruana għall-veskovat kien minħabba polemika bejn ir-Re ta' Sqallija u r-Re ta' l-Ingilterra dwar il-jedd tal-għażla ta' Isqof ta' Malta. Wara sentejn ta' korrispondenzi, Papa Girgor XVI, bil-Bolla Appostolika tal-1 ta' Marzu, 1831, Mons. Caruana ġie maħtur Isqof ta' Malta. Minn dokumenti fl-Arkivju tal-Bibljoteka Rjali ta' Malta, mill-Public Record Office ta' l-Ingilterra u mill-Arkivju tal-Kurja Arċiveskovili jirriżulta: (1) li l-uniku kandidat għall-veskovat kien Mons. Caruana; (2) li ma nsabux dokumenti li jiskwalifikaw lil Mons. Caruana bħala persuna ndenja għal din il-kariga; (3) li fil-korrispondenza ta' bejn is-Santa Sede u l-Gvern Ingliż li damet miexja dwar sentejn hemm imsemmija biss il-ġlieda bejn iż-żewġ rejjiet (Sqallija u Ingilterra) għall-jedd tan-nomina għall-veskovat ta' Malta allura Kolonja Ingliża. Dan jipprova li d-dewmien kien ġej biss minn raġuni diplomatika. (Reasons for the delay in the appointment of Bishop F.S. Caruana, Empire Press).

Dr. Albert Laferla jgħarrafna li l-Kan. Caruana, wara li kien Membru fil-Kummissjoni tal-Gvern Franċiż sar Kmandant taż-Żebbuġin kontra l-Franċiżi f'Malta; kien Membru fil-Kummissjoni li marret għand l-Ammirall Nelson titolbu għajnuna!...... Captain Ball stqarr li *l-uniku inkwiet hi l-għira ta' bejn il-Mexxejja Maltin...... bi kmandant, il-Maltin għażlu lil Vitale u ż-Żebbuġin u s-Siġġiwin għażlu lill-Kan. Caruana...... dan kien l-aħjar raġel għal dik li hi qlubija, iżda tgħabba b'setgħa kbira żżejjed billi nqata' għal kollox mid-deputati l-oħra...... ta' sikwit jinqala' l-inkwiet imqanqal minn intrigi...... sabiex jinqata' l-inkwiet, il-Kummissjoni talbet lil Ball jieħu r-riedni tal-battaljuni f'idejh...... Twarrbet minn Malta l-Flotta Ingliża feġġet il-Flotta Franċiża, in-nies beżgħet u xlew lill-kapijiet (l-iktar lill-Kan. Caruana) bi tradituri* (Story of Man in Malta, pages 182, 185, 188, 190/2, 195).

Joseph Galea jgħarrafna li kittieba ta' żmien il-Kan. Caruana stqarrew li Caruana kien mbizzjuż bla xebgħan u ma kienx ta' min jafdah...... l-ambizzjoni wasslitu bex ibiddel l-opinjoni tiegħu kontra l-ħakma Franċiża billi l-Gvern Franċiż

ħa taħt il-kontroll tiegħu l-monopolju tal-qoton, u b'hekk, bħala produttur, kuntrattur u negozjant tal-qoton inqaras sewwa fil-laħam il-ħaj...... iddimetta minn Membru tal-Kummissjoni tal-Gvern Franċiż billi Napuljun baqa' ma ħatrux Isqof flok Mons. Labini, xiħ, marid u barrani...... fir-rewwixta tal-Maltin kontra l-Franċiżi ħatar lilu nnifsu bi Kmandant taż-Żebbuġin flok ingħaqad mal-Kumitat Ġenerali ta' l-Assemblea sa hawn wasslitu l-ġibda qawwija biex jidher hu biss...... (Il-Hakma Franċiża f'Malta, Tip. Giov. Muscat 1948 paġ. 85......).

Mario Agius għalaq in-nisġa tiegħu ta' tifħir lill-Mons. Isqof F. S. Caruana b'dawn il-kelmiet: *Għandna nifhmu wkoll illi Mons. Caruana kellu bħal kull bniedem ieħor in-nuqqasijiet u aktarx l-ambizzjonijiet ukoll li jekk m'humiex ta' siwi storiku jixraq li jibqgħu midfunin miegħu......* (Il-Mons. F. S. Caruana Patrijott u Isqof ta' Malta. Standard Press 1947, paġ. 15).

Aħna wkoll ta' din il-fehma.

---

## LA VALLETTE

### *Ta'* PATRI MATTEW KAPPUĊĊIN

B'dehen ta' moħħ għaqli, b'ħeġġa qatt għajjiena
Fi triq ir-rebħa saq sa temm il-ġlied,
Rażżan lit-Tork li mal-Maltin qalbiena
Tqabad għad-din u l-bidla tad-drawwiet.

B'ħiltu, n-Nofs Qamar mifni, talab ħniena,
L-isparar waqaf u t-taqbida ħdiet,
B'dehnu Sant'Anġlu ta l-aħbar b'qanpiena:
"Żernaq fuq Malta jum ta' sliem u kwiet".

Kburi, rebbieħ, bi ħbub għajnejh bħal ġamar,
B'xabla ma' qaddu, b'sidru ġo l-azzar,
Ra bogħod mill-gżira mħarrab in-Nofs Qamar,

Bħal ġens imħarbat, jisħet fuq ix-xwieni
Għax waqt li fetaħ l-imrammiet tas-swar
Ma satax jinfed qalb dan il-qalbieni.

# Giovanni Curmi, Poeta

*Studju ta'* ĠUŻE' CHETCUTI

## III

IL-POEŻIJA tal-meditazzjoni hi x-xogħol ta' moħħ matur. Mhix ħaġa faċli li wieħed igħid il-poeta f'liema żmien jilħaq l-istat tal-maturità tiegħu, għax hawn min immatura ruħu meta kien għadu żagħżugħ, bħalma hu l-każ ta' Shelley u ta' Keats, u hawn min il-maturità ta' moħħ u ta' stil bdiet tinħass meta kiber. Għax il-maturità tiddependi għal kollox mill-atmosfera intellettwali u soċjali li fiha jgħix l-awtur, mill-kwalità ta' studji li jagħmel, u mill-esperjenza, ħafna drabi iebsa u morra, li jgħaddi minnha.

Il-progress fit-triq tal-maturità tal-poeżija ta' Giovanni Curmi ma kienx ta' f'daqqa, imma tela' gradatament minn tarġa għal oħra; mill-għana taż-żgħużija inkwieta u bla ħsieb għall-poeżija ta' l-imħabba tal-familja, u minn din il-poeżija sabiħa tas-sentiment għall-poeżija tar-riflessjoni, il-poeżija tal-moħħ u tal-qalb flimkien. Id-differenzi essenzjali u karatteristiċi fit-tliet fażijiet tal-ħajja tal-poeta jinħassu sewwa, għaliex it-tiġrib tal-ħajja jgħallem u jiftaħ il-moħħ, u dak li fl-immaġinazzjoni ta' żgħużitu hu kien jarah abjad, il-lum li kiber beda jarah fuq il-kjaroskur: mhux aktar fantasija imma realtà. B'danakollu, meta nagħtu daqqa ta' għajn lura lejn il-poeżija ta' l-imgħoddi, aħna naraw, kbar kemm huma kbar id-differenzi, illi l-ħajja mhix ħlief rabta waħda minn żmien għal ieħor bħal katina, ħolqa wara l-oħra. Id-differenzi li hemm inħolqu bħala ħaġa naturali minħabba ċ-ċirkustanzi differenti li l-poeta sab ruħu fihom fi żminijiet differenti. Id-dinja tal-poeta, aktar ma jikber, aktar titwessa', u l-ħarsa tiegħu timraħ aktar 'il bogħod, lejn orizzonti aktar wesgħin fejn il-moħħ ta' żgħużitu qatt ma seta' jilħaq. Is-sensibiltà tinħass aktar fina u qawwija fil-moħħ matur tar-raġel milli fil-moħħ tari taż-żagħżugħ li jkun għadu ma bediex jifhem il-problemi tal-ħajja, u s-sentiment reliġjuż jidher

wisq aktar ġenwin, wisq aktar profond u sinċier fil-qalb li tkun ġarrbet il-waħx tad-dlam u tad-dwejjaq milli fil-qalb li tkun għadha ma bdietx idduq mill-kalċi ta' l-imrar li toffrilna d-dinja. Din hi r-raġuni illi l-poeżija fit-tieni u t-tielet fażi tal-ħajja ta' Giovanni Curmi hi aktar effettiva u aktar sabiħa, għax hi l-espressjoni ta' ruħ li ħabbet fil-mument ta' ansjetà, ta' xewqat, ta' niket u ta' tiġrib.

Fid-dinja li fiha għex, fil-ħwejjeġ li ra, fin-nies li għamilha magħhom, fuq kull ħaġa li hu ħabb jinfirex velu ta' malinkonija, iżda mhux dik il-malinkonija li twasslu għad-disperazzjoni u l-pessimiżmu, imma dik il-malinkonija li ġġagħlu jifhem li dak kollu li hu ta' din id-dinja għad irid igħaddi l-lum jew għada: tibqa' biss it-tifkira qarsa tiegħu. U meta kollox ikun għadda, il-bniedem jaqbad ħajja oħra, il-ħajja ta' l-eternità. Fuq dan il-konċett fondamentali hi mibnija l-poeżija ta' Giovanni Curmi. Nieħdu l-poeżija "Alla Mia Anima". Naraw b'liema mod dak il-velu tal-malinkonija li jgħatti lir-ruħ tiegħu mħabbta, il-poeta għaraf iwarrbu u floku jurina d-dawl tax-xemx divina:

Anima, soffri? Guarda il ciel sereno
e ti consolerai d'ogni disgusto;
guarda il sole divino, e guarirai
d'ogni tristezza; gli astri guarda, e d'ogni
mistero sarai paga, anima mia.

Fid-dinja hawn nies imsaħħma fil-għajb tal-vizzji u tad-dnub, qalbhom mimlija qerq, nies li jagħtu d-daqqa tagħhom fid-dlam fejn ma jidhrux, u li fuq wiċċhom ikollhom il-maskra li taħbi l-ħażen ta' ruħhom. Iżda l-poeta jrid li r-ruħ tiegħu taħrab din id-dinja ta' ħażen, u tfittex biss il-ġmiel tas-sema. "Fejn sejra l-ħajja?" isaqsi l-poeta, "Għaliex nitwieldu, u għaliex inbatu daqshekk f'din il-ħajja biex imbagħad immutu? Għalfejn din il-ġirja mimlija xewqat minn nieqa sal-qabar? Jekk il-mewt teqred il-ħajja, għalfejn din il-ħajja?" U l-poeta bi spirtu ta' fidi u ta' fiduċja jwieġeb illi jekk irridu nifhmu l-misteri ta' din il-ħajja, qalbna għandha tintrabat fl-imħabba ma' Alla:

Ove tende la vita? A quale scopo
si nasce, e a quale scopo in questa vita
tanto si soffre, e poi perchè si muore?

Che vuol dir questo correre affannoso
dalla culla alla tomba? Se la morte
spegne la vita, a che questa creare?
Burla crudele è sfar cinicamente
ciò che si fa con tanto gran patire!
Anima, leva gli occhi alla divina
armonia delle stelle, e non avrai
più dubbi, più misteri non avrai.

Dal-konċett filosofiku tal-ħajja u l-mewt insibuh ukoll imfisser bl-istess qawwa u ġmiel bħal fil-poeżija ta' Curmi, fil-versi kbar ta' Dun Karm fil-"Jien u lilhinn Minnu":

Il-Mewt!...... Għalfejn il-mewt? Uġigħ u niket,
ħsarat u dmugħ u tifkiriet bla faraġ
għalfejn dħaltu fid-dinja? X'tiswa l-ħajja
la min-nebbieta fil-għeruq moħbija
trabbi s-susa tal-mewt? Mhux bin il-għaqal
tibni biex tħott, tpinġi s-sabiħ u tħassru.

Fil-poeżija "A Dio" naraw kemm l-egħruq tat-tagħlim Kattoliku huma mqabbdin fil-fond fil-qalb ta' Giovanni Curmi. Mit-tagħlim Kattoliku l-poeta tagħna silet ideat u sentimenti nobbli u umani. Il-bażi ideali ta' l-Imħabba tinsab fir-rabta eterna ma' Alla: din l-imħabba tneħħi kull biża' li ġġib magħha l-mewt, il-għaliex, kif igħidilna Ċiċerun, il-Mewt tbeżża' lil dawk li fil-ħajja jitilfu kollox. Min fil-mewt jara l-bidu ta' ħajja oħra, ma jibżax; anzi l-mewt għalih hi don: "è un dono, anzi il più grande Tuo dono se ci porta fino a Te".

F'dawn il-versi lil Alla nħossu t-tnehida eleġijaka ta' ruħ li fehmet id-dinja u li mill-ħajja daqet sew il-ferħ kemm ukoll l-imrar, u li issa qed tistenna minn ħin għal ieħor tinżel missema l-maħfra u l-ħniena:

Per me il passato è solo nel ricordo,
il presente di scorrere ha cessato,
ed il futuro non esiste più.
La mia favola breve è già compiuta.

Torbot ma' din il-poeżija, fl-ispirtu tagħha ta' mħabba

reliġjuża l-poeżija l-oħra "Ai Morti". Tinħass f'din il-poeżija dik il-leħma, dik l-ispontanjetà li nsibu fil-poeżija foskolina. Iżda, waqt li l-medda tal-ħsieb tal-Foscolo ma twassalx lilhinn mill-qabar, dik ta' Giovanni Curmi, bħal ta' poeti oħra Kattoliċi, teħodna f'saltna oħra fejn il-ħajja ma tiqafx :

Io son di quelli che non san mirare
senza croce una tomba, e Dio ringrazio.
E prego Dio per voi : prego vi dia
l'eterna pace ed il riposo eterno.
Pur voi per me pregate, insino a quando
il mio corpo dissolto si tramuti
in un granel di luce, che risplenda
eternamente accanto al mio Signore.

Dan il-ħsieb imsaħħaħ bil-faraġ tar-reliġjon li jwaqqa' t-teorija pagana li tgħid "ingawdu f'din id-dinja għax il-ħajja malajr tgħaddi u tintemm", insibuh ukoll imfisser fil-poeżija "Alla Terra". Aqwa mill-qalb u mill-moħħ, il-bniedem għandu r-ruħ li tlaħħqu fil-għoli għal dejjem fuq qċaċet qatt milħuqa, fejn ma tasalx l-ogħla fost l-ogħla muntanji, għaliex fir-ruħ jinġabru l-misteri profondi li jdawru l-univers, u hi li tagħmel lill-bniedem ħabib ma' Alla. Id-dinja u s-smewwiet jinħarqu u jinqerdu, imma r-ruħ tal-bniedem tibqa' ħajja, tibqa' tgħix lilhinn miż-żmien, għal dejjem :

Un giorno, terra, tu sarai cogli altri
astri un vil mucchio d'inutile polvere :
cesseranno gli spazi, cesseranno
i tempi, e l'universo sarà spento.
Ma l'anima dell'uom, inceneriti
i mondi e i cieli, ancor continuerà
a vivere, oltre il tempo, eternamente.

Tliet poeżiji oħra "Al Mare", "Agli Alberi" u "Alla Luna" juruna lil Giovanni Curmi f'mumenti ta' riflessjoni profonda. Ħsebijiet ta' ħajja u mewt jidhru jleħħu l-ħin kollu quddiemu : il-ħajja bit-tempesti tagħha, u l-mewt li toqtol mingħajr ma ttemm. Ma ttemmx għaliex, kif ġa rajna f'poeżiji oħra, il-mewt tiftaħ beraħ il-bieb tas-saltna sabiħa tas-sema.

Xinhu mela l-effett li jitnissel fik u jikber u joktor aktar ma taqra dawn il-poeżiji? Xinhi n-nota ewlenija? Mhijiex ta' estasi, anqas ta' ferħ, anqas ma hi traġika, iżda hi nota ta' meditazzjoni li tgħolli l-bniedem 'il fuq min-natura umana.

Il-Baħar — żagħżugħ ta' dejjem, kif isejjaħlu Dun Karm — ma jegħja qatt jitliegħeb mal-blat u qalb l-egħrien. Il-poeta jsaqsih :

> ........... ancora non sei stanco
> dell'alterna perpetua tua vicenda?

Għadek ma għejjejtx tirrifletti fl-iljieli sajfin id-dwal tal-kwiekeb u tal-qamar, u tħoss, bħal żegħila, għaddej minn fuqek id-dell tas-sħab? Minn żmenijiet l-aktar imbiegħda, il-baħar ilu jwettaq il-ħidma iebsa tiegħu u qatt ma jisħet xortih. Iżda l-bniedem mhux hekk: l-iċken ħaġa tagħtih fastidju u jgerger dejjem. Il-poeta lill-baħar jitolbu d-dawl sabiħ li jixgħel mas-sebħ hi u tielgħa x-xemx, imma aktar minn hekk hu jixtieq li jista' jħaddan l-immensità tal-baħar, u f'dak il-kobor bla tarf jintilef bil-ħolm u x-xewqat tiegħu :

> Oh! dammi, mare, la tua smisurata
> distesa di foschie e di chiarie,
> ove, senza speranza di ritorno,
> io posso naufragare la mia vita,
> e sperdervi i miei sogni e i miei desii.

L-element liriku, deskrittiv u immaġinattiv, jagħti ħajja u ġmiel lill-poeżija "Agli Alberi" (Lis-Siġar). Mill-idea tas-siġar, l-poeta jara l-ingratitudni tal-bniedem. Is-siġar isebbħu kullimkien, ikabbru l-frott, u jagħtu kenn lill-għasafar, lix-xjuħ li jmorru jistrieħu taħthom u lit-tfal li jkunu jilagħbu. Iżda l-bniedem iqaċċathom biex bil-ħatab ikebbes in-nar fix-xitwa u jgħammar daru. Il-ħsieb tal-mewt? Jidħol hawnhekk ukoll :

> Tra il lauro e il mirto, dileguanti scialbi
>   nella foschia che adunan folta gli anni,
> nitido vedo un lugubre cipresso
> che triste accenna presso ad una tomba.

L-immaġinattiva taħdem ħafna wkoll fil-poeżija "Alla Luna". Xewqat, tifkiriet u ħolm ta' l-imgħoddi jgħaddu minn moħħ il-poeta. Jiftakar fl-ewwel żmenijiet ta' mħabba li qattgħu flimkien hu u t-tfajla li wara kellha tkun martu:

Io le dicea: se tu mi sei daccanto,
e c'è la luna in ciel, io son poeta.

Jidher ċar illi n-nota ta' mħabba familjari baqgħet sħiħa fil-qalb tal-poeta. Il-lum li kiber, il-poeżija ta' mħabba lejn martu u lejn bintu għadu jħossha xorta waħda qawwija bħalma kienet darba. Is-snin gerbu, waħda wara l-oħra, u ntilfu fil-baħħ taż-żmien, u l-poeta, fl-imħabba ma' martu, dawk is-snin rahom għaddejja jiġru bħal ħolma:

Tu eri, invece, sempre accanto a me,
ed io, sognando, non me n'ero accorto,
e troppo è stata bella la mia vita
ch'io la credetti tutta un solo sogno.

Dik l-istess tenerezza u ħlewwa li nsibu fil-"Canzoniere della Bambina", insibuha fil-poeżija "A Mia Figlia" (Lil Binti):

Quando morrò, non morirò del tutto.

Ix-xewqa tal-missier hi li jħalli lil bintu wirt sabiħ ta' kitba li, meta jmut hu, ma jħammrilhiex wiċċha u, hekk, sbieħ u watja tgħaddi l-jiem ta' ħajjitha:

Dolce e piana ti sia la tua giornata!

In-nota lirika-didattika tinħass fit-tagħlima li tgħid illi l-ħajja mhix logħba, imma missjoni; mhix orġja ta' pjaċiri, imma dmir qaddis li jfakkarna fil-mewt li għada pitgħada għad tmissna:

Non è giuoco la vita, ma missione.

Din hi tagħlima ħajja li għandha tgħodd għal kull wieħed u waħda minna, għal kull ġenerazzjoni:

Sempre in su mira: segui il bello e il vero,
.................................................
e ricordati sempre.......................
che sugli alterni eventi della vita,
col bene e il male, col dolore e il gaudio,
veglia dall'alto Dio nel Suo mistero.

"A me stesso fanciullo", li fiha tinħass ispirazzjoni paskoljana, hi xhieda ta' poeżija mimlija bi tqanqil ta' emozzjonijiet personali. Fiha nħossu dak il-qtigħ il-qalb u dmugħ ta' sogħba għaż-żmien li tar, kif inħossuh fil-poeżija "Youth and Age" ta' S.T. Coleridge:

*When* I was young?—Ah, Woeful When!
Ah! for the change 'twixt Now and Then!
.................................................
.................................................
*Ere* I was old? Ah! woeful Ere,
Which tells me, Youth's no longer here!
O Youth! for years so many and sweet,
'Tis known, that Thou and I were one.

Għalija din il-poeżija "A me stesso fanciullo" toqgħod fost l-isbaħ u l-akbar poeżiji li għandu Giovanni Curmi għall-oriġinalità ta' l-immaġinazzjoni, il-profondità tal-konċett u s-sinċerità tas-sentiment. Il-versi tal-ħdax, imħaddma b'kelma sempliċi u ritmu mexxej, jagħtu aktar ġmiel u dinjità lill-ħsieb. Biex il-qarrej ikun jista' b'xi mod japprezza l-ġmiel ta' l-idea, qiegħed nagħti ta' din il-poeżija traduzzjoni libera ħafna, nieqsa għal kollox mill-ħlewwa tal-kelma u ta' l-espressjoni metaforika:

Int, tfajjel, li qed tħares fiss f'għajnejja
matul il-kolonnat ta' ħamsin ħnejja
irqaq u twal, u ma tagħrafni b'xejn;
jien ukoll inħares miblugħ f'għajnejk,
jien ukoll inħares lejk, u ma ngħarfekx.
Xejn ma niftakar fik: la l-ħsibijiet,
u lanqas dak li f'qalbek int kont tħoss,
bħalm'int ma stajt qatt u qatt tintebaħ
b'dak li l-lum jien għandi ġo qalbi w ħsiebi.

Aħna żewġ ħlejjaq ma nixxiebhu f'xejn,
ma nafux lil xulxin, wieħed lill-ieħor,
u fl-istess ħin jien w inti ħliqa waħda,
inti bqajt żgħir, u jien fis-snin imdaħħal.
Kif ibiddel iż-Żmien ħwejjeġ u ħlejjaq
fil-ħarba siekta u ħafifa tiegħu.
U kif mas-snin titbiddel dik ix-xejra
tal-ġibdiet tagħna, u ta' ħsibijietna,
u r-ruħ titbiddel bla ma taqta' xejn!
Il-kolonnat b'dawk il-ħamsin arkata,
mingħajr ma ntbaħt, imxejtu kollu jien,
lilek ħallejt warajja fil-bogħod, waħdek.
Imm'anki int imxejtu, waqt li dejjem
bqajt fl-istess naħa mnejn kont iċċaqlaqt,
u lili tfajt hawnhekk, u tlaqni waħdi.
U issa int qiegħed hemm, u jien hawnhekk.
Kemm twila t-triq li mxejna t-tnejn flimkien,
mingħajr ma ltqajna qatt. Kemm twila t-triq,
imżewqa ferħ u dnewwa, taħt dal-ħnejjiet
li Alla waqqaf, w Alla biss jaf jara
sa fejn se ttul il-medda tagħhom.
Jaqbillek, tfajjel, nimxu jien u int
mill-ġdid dil-ħajja ta' ħamsin arkata,
inti bla ħsieb, bla nkwiet u bla tbatija,
u jien b'tagħlimi mit-tiġrib ta' ruħi?
Oh, aħjar le, ja tfajjel, aħjar le!
Għax jien ngħajjiblek it-tbissima safja
li tixgħel fuq ħaddejk: int l-uġigħ tiegħi
ma tista' tifhmu qatt: le, aħjar le!
Imbagħad ma nibqgħux ħbieb, imma għedewwa.
Aħjar tibqa' hemmhekk, jien noqgħod hawn.
Wisq aħjar hekk, inħarsu lejn xulxin,
inħarsu biss mill-bogħod bla ma nitwaħħdu,
inti, waħdek, b'dik it-tbissima safja,
u waħdi jien, b'din it-tbatija fiergħa.

Dan hu tabilħaqq sens ta' nostalġija għaż-żmien sabiħ li għadda, sens li l-lum jew għada jħossu kulħadd għaliex iż-żmien minn fuq kulħadd jgħaddi u jħalli l-barxa tiegħu. Ftit versi, imma kemm hemm verità fihom! Aħna nikbru, u nidħlu fil-ħa-

rifa ta' ħajjitna, u mbagħad fix-xitwa wkoll, u r-rebbiegħa ta' tfulitna narawha titbiegħed sa ma tintilef għal kollox.

Fl-aħħarnett, għandna l-poeżiji miġbura taħt l-isem 'Cronache''. Dawn il-poeżiji Giovanni Curmi bniehom fuq kwadri u ġrajjiet misluta mill-ħajja aktar milli maħduma fuq il-fantasija, u fihom ma nsibux aktar il-poeżija tal-meditazzjoni, għalkemm xi riflessjonijiet 'lhemm u 'lhawn jinħassu wkoll, imma ġrajjiet ta' tamiet imġarrfa, ta' mħabba mitlufa, ta' żbalji, ta' dubbji, ta' mard, ta' tifkiriet imbiegħda, inkwadrati fi ftit versi sempliċi, ċari u mexxejja. "L'Aquilone'' (It-Tajra) tfakkar lil missier fi tfulitu meta hu bħal ibnu kien jitla' fuq il-bejt itajjar it-tajra, u aktar ma t-tajra togħla u taqta' 'l fuq, il-ħajta aktar tagħfas ma' sebgħu u tweġġgħu. Imma, għalkemm il-lum kiber, il-weġgħa għadu jħossha xorta, il-weġgħa tas-swied il-qalb u n-niket li tisqih il-ħajja :

.........e gli rispose il padre : "È stato
il filo, come quando ero ragazzo.''

"Il Fallo'' (L-Iżball) : tlieta huma l-karattri, il-missier ikkundannat għall-mewt, l-omm u l-bint ta' għoxrin sena. L-omm tħoss l-indiema ta' l-iżbali tagħha, u tgħid lil bintha bit-tama li ma tħallihiex imtebbgħa bil-għajb ta' żewġha :

"Tu la figlia non sei di mio marito !''
"Int it-tifla m'intix tar-raġel tiegħi !''

Iżda l-bint, mingħajr ma qieset fiex setgħet issib ruħha fiż-żmien li ġej, ma ridetx tara mittiefes il-ġieħ ta' ommha.

La figlia, nel suo amore, persisteva
ferma a opporre l'eroico suo rifiuto. .
It-tifla, f'imħabbitha, baqgħet sħiħa
tmur kontra dik iċ-ċaħda hekk qalbiena.

"La Ragazza Uccisa'' (It-Tfajla Maqtula) tirrakkonta bi xbiħat realistiċi ġrajja ta' mħabba u ta' qerq li ntemmet bil-qtil tat-tfajla, u l-ħsebijiet u t-tifkiriet li din il-ġrajja qanqlet fil-moħħ imħawwad ta' żagħżugħ li, snin ilu, huwa wkoll sab ruħu mqarraq mit-tfajla li ħabb, u xtaq li hu wkoll "jaqlgħalha qalbha

minn sidirha u jitfagħha fit-tajn''.

''La Felicità'' (Il-Hena): f'dawn il-versi l-poeta jurina l-innoċenza ta' tifel ta' ħames snin li ħaseb li l-hena jista' jinxtara u, hekk, jista' jferraħ lil missieru li, kif qaltlu ommu, kien dejjem imdejjaq.

''La Sirena'' tagħtina ġrajja ta' mħabba, ġrajja li tfakkarna fil-mitoloġija Griega fejn naqraw li saħħara jisimha Circe bil-għana tagħha riedet tjassar il-qalb ta' Ulisse bħalma kienet ġà jassret il-qalb ta' ħafna, imma Ulisse ma ħalliex lil nnifsu jintrebaħ mill-pjaċir qarrieqi tagħha, u baqa' fidil ma' martu u ma' ibnu. F''La Sirena'' għandna versjoni ta' din il-ġrajja mitoloġika kif narawha bil-għajnejn ta' żmienna, b'karattri li ngħixu magħhom u fosthom.

''Bandiera Rossa'' (Bandiera Ħamra) tfisser in-niket ta' missier għani li wasal fit-tarf tal-mewt u qed jisgħobbih li fid-dinja ser iħalli lil bintu weħidha. Talab lil tifla fqira tkun issieħba ta' bintu u wegħidha ġid kbir, imma hi, bint il-faqar, riedet li tibqa' tgħix qalb il-poplu. Bintu tinsab wieqfa weħidha, bla kliem u b'ħarsitha ċassa, ħdejn is-sodda tal-marid filwaqt li barra t-triq qed joktor l-agħjat tal-folla u qed jinstemgħu l-ewwel noti tal-''Bandiera Ħamra''.

''La Sartina'' (Il-Ħajjata Żagħżugħa): tfajla taħdem lejl u nhar biex taqla' flus kemm tista' ħalli tkun tista' tgħammar id-dar fejn hi u l-għarus tagħha jkunu jistgħu jgħixu flimkien. Iżda jum minnhom l-għarus ma ratux aktar, imma hi kompliet taħdem u tħabrek kemm tista' fix-xogħol biex, hekk, tkun tista' tinsa l-qerq tal-ħolma li ħolmot u l-frugħa ta' l-imħabba.

''I Due Bambini'': din hi ġrajja fantastika ta' żewġt itfal li fis-safa tal-qalb tagħhom riedu jilagħbu l-logħba ta' l-imħabba, imma ħassew irwieħhom hekk miġbuda mill-pjaċir ta' l-imħabba li bdew jinħabbu tassew:

> e con voce soave ed accorata
> gli mormorò: ''Amiamoci davvero''.

''L'Ammalata'' (Il-Marida) hi l-ġrajja ta' xebba tiżika li, qabel ma tmut, riedet tivvendika ruħha minn żewġha li daħak biha. Iżda s-sorijiet ta' l-isptar fittxew li jtaffu l-uġigħ tal-qalb ta' dik il-marida. Wara ftit xhur qamet mis-sodda, iżda xtaqet ħafna l-mewt biex ma tkunx tista' tasal għall-ħsieb tal-vendet-

ta. Talbet lil Alla, u darba waħda fil-għaxija, waqt li d-dlam kien qed iroxx fuq il-ġnien ħiemed u sabiħ, neħħiet ftit demm u, bla tbatija, ruħha ttajret għand Alla.

"Lo Scrittore Vecchio": hawn il-poeta jfisser l-inkwiet ta' kittieb li l-lum xjieħ wara ħajja ta' kitba bla heda. Imma l-ħsieb qed ibiċċirlu qalbu għax dak ix-xiħ iħoss illi, minħabba li ħajtu għaddieha fil-kitba, ma ħax biżżejjed ħsieb uliedu kif kellu jagħmel:

il pensiero m'angoscia d'aver troppo
speso tempo a comporre i miei volumi,
mentre dovuto avrei, nella mia vita,
a voi solo pensare, o figli miei.

Din hi l-poeżija ta' Giovanni Curmi — poeta serju, artista tal-kelma, espressiv fis-sentimenti nobbli tiegħu. Imħabba romantika, deskrizzjoni, delikatezza u mużikalità fl-istil jingabru kollha flimkien biex isawru, kif rajna, il-ġmiel tal-poeżija tiegħu. It-tama u l-biża', it-twemmin u d-dubbji, il-mewt u l-immortalità huma mibnija fuq sfond ta' immaġinazzjoni f'dinja ta' realtà. It-tagħlim jew filosofija tiegħu, fil-fatt, huma sempliċi. F'dinja fejn il-ħażen ma jonqosx, hu jħoss illi fl-Imħabba nsibu dak li hu sabiħ u tajjeb. L-imħabba, kif jaraha u kif jifhimha hu, hi dik il-proprjetà divina tar-ruħ li hi immortali. Ir-ruħ minn din il-ħajja ta' ftit żmien tidħol, wara l-mewt, fl-eternità. Il-ħajja ta' din id-dinja mhijiex biżżejjed għall-bniedem; anzi, kif igħidilna Dun Karm, "għarib il-bniedem fuq din l-art imtarrfa". Daru band'oħra, u għalhekk ebda ħitan talbronż ma jifirdu s-sema u l-art. Il-bniedem li jaf iħaddem ir-raġuni ma' l-Imħabba, ikun qabad it-triq li twasslu għad-dawl ta' dejjem—għall-glorja ta' Alla.

Dan hu l-konċett fondamentali fil-poeżija ta' Curmi, poeta mrawwem fit-tagħlim Kattoliku, u għalhekk fih jinħass qawwi sens ta' ottimiżmu spiritwali.

Dawn l-ideat tiegħu, mirquma u msebbħa bil-kelma mżewqa u b'ritmu teknikament tajjeb, igagħluna nifhmu u nħobbu l-Ġmiel fil-poeżija u l-Verità fil-ħajja.

# QATRA ILMA

*Ta'* PAWLU AQUILINA

Qatra ilma...
Safja tilma...
Mas-saqaf ta' kamarti
Qiegħda bil-mod tinġema'...
Nifdet it-torba mballta,
Għaddiet bil-ħerqa qalb ix-xaħx u x-xorok
U feġġet ġo kamarti...
Għall-kenn mixtieq
Għas-sħana
Tal-qalb li tħobb taraha,
Tinfetaħ, tleqq u tilma,
Fir-raġġi twal tal-lampa donnha xmejxa!
U issa saret tonda...
Donnha xi ġawhra bajda...
U qed titwal u ddur bla ħoss mas-saqaf...
Qiegħda tirtogħ'd...
Se taqa'...
U waqgħet fuq l-imħadda, ratba, sħuna...
U għabet f'daqqa.
Imma mas-saqaf,
Qatra oħra qed, bil-ftit il-ftit, tinġema'.

*  *  *

Qatra ilma...
Safja tilma...
Miġbura tonda tonda
Fuq tarf ilsien ta' werqa
Qiegħda tirtogħ'd maż-żiffa...
Fiha minsuġa tal-qawsalla l-libsa!
Żiedet kemm-kemm iż-żiffa,
Mielet kemmxejn il-werqa,
U nqatgħet il-qatra ilma
Minn tarf l-ilsien ħadrani.
U waqgħet,

Fit-tajn u fl-ilma mdardar,
U l-libsa tal-qawsalla għabitilha !

* * *

Qatra ilma !
Kemm mixtieqa,
Fix-xemx sajfija, toħraq,
Fil-firxa twila tad-deżerti mrammla !
Int biss, il-faraġ, l-hena,
Ta' min bil-għatx jixtieqek bl-oħla ħerqa
U jduq il-ħlewwa bnina,
Li hemm ġo fik moħbija...
Hlewwa li tak biss Alla,
Meta fis-sema sawrek,
Bix-xemx, bil-fwar, bil-kesħa,
U sirt mis-sħaba ħielsa li tiġġerra
Fil-beraħ tas-smewwiet;
Misjuqa mill-irwiefen;
Tmiss il-għoljiet ibajdu;
Jew mielsa tmelles wiċċ is-sema safi
Kemm-kemm titħarrek b'rifs iż-żiffa ħelwa !
Sakemm fuq artna taqa'
U żżid tagħtina l-benna
Li ttina l-art għammiela... !

* * *

Qatra ilma !
Int il-ħajja...
Il-ħdura tal-għoljiet, widien u oqsma,
Il-ħmura tal-larinġ u l-benna tiegħu,
In-nisġa ta' l-ilwien fil-ward tal-ġonna,
Il-kant tan-naħal bieżel li jittajjar
Fuq ward u plejju u sagħtar
U jagħtina
Il-benna tiegħek fl-għasel safi, ħlejju !
Fik miġbura,
Il-ħajja ta' kull ħlejqa :
Fik, qatra ilma,
Safja,
Sabiħa...
Tilma... !

**X'JIKTBULNA:**

# CHRISTIAN U NISRANI

Prov. Eccles. Seminary,
Victoria — Australia.
12 ta' April, 1956.

F'"Il-Malti" ta' Settembru, 1955, is-Sur Cassola weġibni b'ittra oħra għal dik tiegħi ta' qabel, u naħseb li kieku fehem sewwa dik l-ittra f'"Il-Malti" ta' Ġunju, 1955, ma kienx jerġa' jibbaża l-argument tiegħu fuq akkuża tiegħi li għadu ma ċaħadhiex.

Jiena kont ktibt li s-Sur Cassola qed jippresupponi li *Nisrani* tfisser *Kristjan* biss li hu sewwa sew dak li jmissu jipprova. U għalhekk meta bl-Ingliż, ngħidu aħna, jilmaħ il-kelma *Christian* hu immedjatament jittraduċiha b'*Nisrani*. Kieku l-Professur Wyld kien qed jikkommenta fuq *Nisrani*, allura s-Sur Cassola kien ikollu raġun jikkwotah. Imma la qed jitkellem fuq il-kelma Ingliża *Christian*, is-Sur Cassola ma jistax isejjaħ 'il-Professur Wyld biex jiddefendih billi dan ma jafx bil-Malti. U mhux xorta, *Christian* u *Nisrani*? Fuq dan qed nargumentaw Din hi l-mistoqsija li rridu nwieġbu.

U minn hawn xejn ma jidher ċar — lanqas għal min irid jarah — li *Nisrani* tfisser *Christian*. Qatt ma smajt jew qrajt li xi Protestant stqarr jew kiteb: "I am a Nisrani, but not a Catholic". Ikun hemm min jistqarr: "I am a Christian, but not a Catholic"

Fil-paragrafu qabel ta' l-aħħar, il-kittieb donnu qed jagħmel distinzjoni bejn ir-"reliġjon ta' Kristu" u d-"duttrina tal-Knisja Kattolika Rumana" bħallikieku dawn ma jfissrux l-istess ħaġa. Il-Protestant huwa dak li jemmen bi Kristu kif jidhirlu hu u mhux kif jidhirlu Kristu u l-Għarusa tiegħu l-Knisja. Lil dan insejħulu sempliċement *Kristjan* (ex caritate). Fil-waqt li l-Kattoliku, in-Nisrani, il-veru Kristjan jemmen lil Kristu, bi Kristu, u fi Kristu u f'kulma hu tiegħu u fil-Knisja waħda li waqqaf.

Fl-aħħar paragrafu s-Sur Cassola resaq ħafna qrib l-opinjoni tiegħi, imma l-konklużjoni li ġibed xejn ma tidher raġunata. Jekk is-Sur Cassola jammetti li l-poplu jagħti lill-kelma

*Nisrani* t-tifsir ta' *Kattoliku* — u għar-raġunijiet li ġibt fl-ittra l-oħra — allura li wieħed jsejjaħ "Protestant". "Mhux Nisrani" dan mhux malapropiżmu. Imma mingħala l-korrispondent il-poplu Malta taħa dan it-tifsir għax hu illitterat. Nistaqsi: Bilfors li min hu illitterat ma jirraġunax? U bilfors li min hu letterat jirraġuna?

Nirringrazzja lis-Sur Albert M. Cassola talli qagħad iweġibni, u nittama li din il-kitba tagħna għad tiswa meta xi ħadd ieħor għad forsi jerġa' jċaqlaq din il-kustjoni pendenti aktar 'il quddiem.

ĠUŻI ABELA.

---

## LURA

*Ta'* ĠUŻI ABELA

Ħabbat għal tliet darbiet. Ħadd ma fetaħlu.
U dar biex jerġa' lura lejn id-dar.
U xħin għalaq il-grada tifla ċkejkna,
Ħaddejha qronfla, għajnejha jtajru x-xrar,
Ħafja kif kienet, resqet fuqu u qaltlu:
"Sinjur, hemmhekk ma jkun hemm ħadd bin-nhar".
Mar l-għada fil-għaxija. Id-dar mudlama.
Ħabbat. Ma wieġeb ħadd. Tgħid ġà reqdin?
Mel' x'qaltlu l-bieraħ dik it-tifla ċkejkna?
U stenna għal ftit minuti twal is-snin.
U mbagħ'd xħin dar biex jaqbad triqtu lura,
Kemm xtaqha tiġi t-tifla dak il-ħin!
Iskot. Hemm fl-art, hemm taħt it-tieqa, stenbħet,
It-tifla ċkejkna, għajnejha kbar għajjiena.
"Ommok fejn hi?" staqsieha. "Ommi qed tisħar.
Għaliex missieri miet, sinjur, u jiena,
Jien ma nafux, sinjur, kont għadni ċkejkna.
Ommi u jien, sinjur, ngħixu bil-ħniena".
U beka dak il-ħin missier b'qalb niedma,
U għannaq dawk l-għajnejn itajru x-xrar.
"Jiena missierek, binti. Jiena ser naħdem.
U inti hawn tkun, m'ommok, tul in-nhar".
Ħabbat did-darba l-qalb ta' bintu ċkejkna,
U lura ma raġax did-darba lejn id-dar......

## LILL-WARDA TAS-SUR IVO
*Ta'* John Sciberras

*Lil Habibi Anton Agius*
*li ħajjarni niktibhom.*

I

M'hemmx għalfejn noqgħod ninħela
biex ninsiġlek il-foħrija
tal-ġmiel tiegħek, għax biżżejjed
tgħid li int Warda Maltija
biex kulħadd malajr jintebaħ
illi fik hemm elf sbuħija.

II

M'hemmx għalfejn noqgħod insemmi
dik il-fwiħa li tagħnik,
li tnessina d-Djieq tal-Ħajja,
fwieħa mbierka li tħennik,
għax poeti oħra qabli
ġà għannew elf għanja għalik.

III

U m'hemmx ħtieġa li ninħela
biex nistqarr kemm jisgħobbija
talli ħajtek hi hekk mgħaġġla,
— ħolma, mewġa qabbiżija —
li bil-kemm tkun rat il-Bidu
li ma ssibx f'salt it-Temmija.

IV

Iżda għal mitt-elf-darba nibqa'
nitlob f'qalbi tul iż-żmien
li jekk ħajti ma tkunx tixbah
dik il-fwieħa u dawk l-ilwien
li int għandek — iva, nitlob
illi *qablek* nintemm jien.

---

### ĠAHWAR TA' ĦSEBIJIET

Il-bnieden qatt ma għandu jistħi jgħid li għandu tort, jiġifieri illi huwa l-lum jaħseb aħjar minn qabel.

Biċċa min-nies taħseb bla ma tagħmel, oħrajn jagħmlu bla ma jaħsbu.

## NIFIRHU

Nifirħu minn qiegħ qalbna lill-veteran u poeta nazzjonali tagħna DUN KARM għall-ġieħ hekk għoli illi bih ir-Reġina għażiża tagħna għoġobha żżejjen ismu bit-titlu ta' C.B.E., u ma' ismu isem Malta u l-Lsien Malti.

Meta wieħed isemmi lil DUN KARM, li għadu mimli bil-għomor jagħni dejjem bil-kitba tiegħu l-paġni tal-letteratura Maltija b'dik il-ħeġġa li għadha tixgħel f'qalbu u f'moħħu (għax il-Musa tiegħu għadha ġo fih bħal meta 60 sena ilu nħasset ġo fih fil-*Foglie d'Alloro*) ma jkunx qed isemmi ħlief l-isbaħ epoka tal-Poeżija klassika Maltija li, tista' tgħid, twieldet u kibret miegħu hekk kif il-Proża letterarja Maltija fis-Seklu ta' qabel twieldet mal-kitba romantika tal-Kav. Ġużè Muscat Azzopardi.

Ġużè Muscat Azzopardi, l-Ewwel President tal-Għaqda u DUN KARM, il-Werriet Tiegħu f'din il-kariga kif ukoll fil-qasam letterarju Malti, jiffiguraw flimkien iż-żewġ pijonieri kbar li fetħu l-bieb ta' l-Istorja Letterarja Maltija.

Ma' isem DUN KARM sa mill-1911 hemm marbut iż-żerniq ta' ħajja ġdida għall-metrika Maltija. Kien dak iż-żmien meta f'*Il-Habib*, bil-ħeġġa tal-Kav. Ġużè Muscat Azzopardi, bdew jidhru l-isbaħ versi bil-Malti ta' DUN KARM. DUN KARM, għalkemm sa dak iż-żmien qatt ma kien għaddas il-pinna tiegħu fil-linka tal-Musa Maltija, bla ma qatt basar, kien fetaħ il-mogħdija ta' ġnejna poetika Maltija bl-ewwel poeżija tiegħu f'*Il-Habib* : *Quddiem ix-Xbieha tal-Madonna* li minnha mbagħad tnisslet sensiela ta' versi bil-Malti li sew fl-immaġinazzjoni kemm fil-metrika ġie li għalbu dawk li kien soltu jikteb qabel bit-Taljan minn mindu kellu 20 sena.

DUN KARM, bħala Poeta Nazzjonali, għandu l-mertu li hu l-Awtur ta' l-Innu Nazzjonali Malti b'versi li jibqgħu fil-fomm u fil-qalb ta' kull Malti li jħobb art twelidu u li jħossu kburi li twieled fiha—u dan hu mertu li għalih biss DUN KARM kien jixraqlu l-ħlas u l-ġieh sew mill-Gvern Malti kemm ukoll mill-Imperu Ingliż. Meta DUN KARM ġiet f'idejh il-mużika tal-Prof. Dr. Robert Sammut, miktuba bla ebda ħsieb li kellha tkun dik ta' l-Innu Malti, u talbuh biex jaddattalha xi versi biex jitkantaw mit-Tfal ta' l-Iskola tal-Gvern, ra li dik il-mużika kienet ta' ċerta solennità li jaddattalha versi wkoll solenni u dlonk ġietu f'rasu li joħolqilha versi ta' Innu Nazzjonali Malti. Sew

**il-mużika** kemm il-versi maż-żmien ħadu dik ix-xejra hekk popolari fit-ton ħelu tad-daqq u tar-ritmu u ħlewwa tal-kliem li fiha, li l-lum għall-poplu Malti dan l-Innu mhu xejn inqas għażiż minn dak ta' innijiet oħra nazzjonali fil-pajjiżi tad-dinja.

Il-*Għaqda* kienet minn ta' l-ewwel li kellha x-xorti ssemmgħu f'Kunċert Malti li kienet tat l-ewwel darba fit-Teatru Manoel, is-Sibt tat-3 ta' Frar, 1923. L-Innu tkanta mill-Bniet ta' l-Iskola tal-Gvern, kif kien maħsub li l-mużika kellha titkanta. Il-Kunċert Malti baqa' jissemma għall-programm mużiku-letterarju, iżda l-iktar ħaġa fost ħwejjeġ oħra li nstemgħu f'dak il-Kunċert u li tibqa' bħala l-iktar tifkira għażiża fl-istorja tal-*Għaqda* hu l-Innu Malti B'riħet dik l-okkażjoni storika isem l-*Għaqda* kien u jibqa' marbut ma' dak tal-Poeta Nazzjonali Malti DUN KARM li ismu bħala poeta Malti twieled u kiber mal-*Għaqda*.

---

# IL-BNIEDEM U ALLA

*Ta'* GIOVANNI CURMI

(*Traduzzjoni ta'* ĠUŻE' CHETCUTI)

Kull ħin, bla heda,
il-bniedem kontra l-bniedem
joħloq tnassis w intrigi.

U Alla jibqa' sieket.

Kull ħin, bla heda,
il-bniedem joqtol lill-bniedem
bl-armi u bil-mibegħda.

U Alla jibqa' sieket.

Kull ħin, bla heda,
jagħmel il-bniedem lill-bniedem
kull xorta ta' inġustizzji.

U Alla jibqa' sieket.

Id-dinja tinsab kollha
taħt il-ħakma qalila
tal-ħażen u l-imbrolji
tal-bniedem.

U Alla jibqa' sieket.

Jitkellem
fil-jum tal-Ħaqq.

# Reċensjonijiet

## "GRAJJA TA' BANED F'MALTA U GĦAWDEX". —

L-ewwel ktieb ta' Rob. Mifsud Bonnici. Editur Giov. Muscat. — Malta, 1956.—Paġ. 102.

Is-Sur Robert Mifsud Bonnici huwa kittieb popolari li l-kotba tiegħu jinsabu fil-librerija ta' kull min jaqra bil-Malti mhux biss biex jgħaddi ż-żmien izda wkoll biex jitgħallem u jiftaħ moħħu. Ix-xogħlijiet ta' dan l-awtur iħaddnu opri axxetiċi, deskrittivi, istruttivi u narrativi. Dan l-aħħar hu nxteħet għal xogħlijiet fuq il-mużika u bix-xandar u bil-kitba, tana tagħrif ta' fejda fuq l-istorja u l-qagħda tal-mużika f'pajjiżna. Kiteb fuq il-grajja tal-mużika f'Malta u fuq il-Kompożituri Maltin, issa biex jgħaqqad opra sħiħa, ħareġ dan il-ktieb fuq il-baned tal-mużika f'Malta u Għawdex. Dawn il-baned u l-każini jew ċirkoli tagħhom huma, kif qal l-awtur, "Istituti edukattivi u kulturali ta' Malta" u kien jixraq li xi ħadd jindaħal biex jikteb l-istorja tagħhom ħalli ma tintesiex il-ħidma li qegħdin iwettqu b'riżq l-arti mużikali f'pajjiżna.

Dan l-aħħar xogħol ser ikun imqassam f'aktar minn ktieb wieħed. Dan l-ewwel ktieb fih tagħrif fuq il-"Band Clubs Association", kif inħolqot u xinhu l-iskop tagħha, u fuq tmien baned imxerrdin f'Malta u Għawdex. Għoġobna l-metodu li mexa bih l-awtur. Fuq kull banda hu jitkellem mill-bidunett tagħha, isemmi kif twaqqfet, min ħabrek biex jiġbor u jgħaqqad is-soċi, kif u fejn saru l-ewwel kunċerti; imbagħad jissokta jsemmi dwar il-progress u l-grajja ewlenin tal-banda, il-bandalori u l-istendardi li qalgħet u l-persunaġġi magħrufin li marru jżuru ċ-ċirkoli jew li kellhom x'jaqsmu magħhom. Wara kull kapitolu hemm lista ta' riferenzi li minnhom l-awtur ġabar it-tagħrif tiegħu.

Dawn il-grajja fil-qosor tal-każini tal-baned għandhom is-siwi tagħhom, l-ewwelnett għax juru l-iżvilupp u l-progress ta' l-arti mużikali f'pajjiżna u t-tieninett għax ifakkru ħafna mill-istorja ta' l-irħula tagħna billi dawn l-każini tal-banda huma ċentri ta' attivitajiet u ta' ġemgħat tan-nies tar-rħula. Bħalma kulħadd jaf ħafna minn kulma jiġri f'raħal Malti jseħħ jew hu marbut mal-każin tal-banda; għalhekk meta naqraw l-istorja ta' dawn il-każini nkunu nitgħallmu fuq il-ħajja soċjali ta' pajjiżna. Dan kollu wieħed jista' jifhmu meta jaqra dan il-ktieb fuq il-baned tas-Sur Rob. Mifsud Bonnici.

Il-ktieb stampat tajjeb, fih ħafna stampi, dokumentat u mqassam ħafif jinqara bil-pjaċir u bil-ħeffa. Smajna li t-tieni ktieb lest biex joħroġ, imma qabel jidher it-tieni wieħed, jixraq li nagħmlu l-qalb u l-ħila lill-awtur billi nixtru bla dewmien dan l-ewwel ktieb fuq il-baned tagħna.

G.

## THE MALTA DIRECTORY AND TRADE INDEX, 1956.—

Malta Publicity Services Limited, Valletta.

S'issa kellna ħafna kotba li jservu bħala gwidi, direttorji u stejjer

ta' Malta, iżda ħadd minnhom ma laħaq l-istandard ta' dan id-direttorju li ħareġ issa mill-Malta Publicity Service. Dan fih kull tagħrif li wieħed jista' jeħtieġ dwar il-Gżejjer tagħna u l-attivitajiet kollha li jinsabu fihom. Ma hux magħmul għal klassi waħda biss jew għal sezzjoni individwali, imma jħaddan il-ħidmiet kollha materjali u intellettwali, kif ukoll l-għaqdiet u x-xirkiet l-aktar importanti li hawn f'din il-Gżira, fosthom minn tą' quddiem il-"Għaqda" tagħna. Għalhekk dan il-ktieb jiswa lil kull bniedem li jgħix hawn jew li għandu x'jaqsam magħna.

Industrji, kummerċ, turiżmu, negozji, kultura u storja kollha għandhom sehemhom f'dan il-ktieb, kollha mfissrin kif jixraq u kollha ikklassifikati b'sistema ta' ħeffa għar-riferenza, hekk li u faċli ħafna biex wieħed jifforma bla taħbit idea tas-suġġett li fih hu interessat. B'dan il-metodu kull bniedem jew kull ditta li għandhom xi relazzjonijiet ma' Malta fi kwalunkwe kamp tal-ħajja soċjali u industrjali, isibu għajnuna kbira biex ikattru u jsaħħu dawk ir-relazzjonijiet tagħhom.

Direttorju l-aktar li jgħodd għal idejn in-neguzjanti, il-kummerċjanti u t-turisti, imma dan id-direttorju hu speċjali jew aħjar direttorju skond l-idea moderna li fih materjal fuq kull xejra tal-ħajja tal-pajjiż. Għalhekk hu utili wkoll għall-professjonisti, għall-"accountants", għall-artisti u għas-surmastrijiet.

Il-ktieb jiftaħ b'artikoli bil-għaqal fuq l-istorja, il-liġi, il-mediċina u l-edukazzjoni f'pajjiżna u jagħtu ħjiel tajjeb dwar l-iżvilupp u l-livell intellettwali tal-poplu tagħna. Imbagħad hemm parti twila u dettaljata fuq l-industrji Maltin, l-organizzazzjoni tagħhom, il-produzzjoni, l-esportazzjoni u l-importazzjoni. Din il-parti tal-ktieb hi essenzjali għal kull min għandu tarf ta' negozju kif ukoll għall-industrjalisti Maltin u barranin. Mhux biss hi essenzjali, imma din il-parti hi ta' vantaġġ kbir u ta' fejda għal kull min irid ikabbar u jkattar in-negozju tiegħu u għal min irid jaqbad tarf ta' kummerċ f'Malta.

It-turiżmu l-lum hu magħdud bħala industrja għaliha, u mela għamlu sewwa ħafna l-edituri ta' dan id-direttorju li ġiebu parti sħiħa fuq it-turiżmu f'Malta. Din il-parti fiha kull tagħrif meħtieġ għal min jiġi Malta jew għal min ikun għadu jaħsibha biex jiġi hawn. F'din il-parti wieħed isib mhux biss il-mezzi ta' trasport, il-kumditajiet, id-divertimenti imma wkoll il-kostumi u d-drawwiet tal-Maltin.

L-akbar parti hi dik li fiha l-indiċi u l-klassifikazzjoni tad-ditti tan-negozjanti u tal-kummerċjanti. L-ismijiet huma midmumin b'sistema ħafif, kull wieħed jagħti fil-għajn u jingħarfu wieħed mill-ieħor u jagħtu idea kumpatta tal-ħidma ta' l-avviżaturi bla ma jaqgħu għar-reklamijiet goffi.

Il-għamla tal-ktieb hi sabiħa u imponenti; l-istampa hi biċċa xogħol ta' reqqa u ta' sengħa li bħalha qatt ma rajna f'kotba Maltin ta' din il-għamla. Dan il-ktieb jagħmel ġieħ mhux biss lil min ħarġu iżda wkoll lil kull min għandu ismu mniżżel fih. Aħna nħossu li dan il-ktieb għandu jsib postu fuq l-iskrivaniji ta' kemm neguzjanti, industrjalisti, fabbrikanti, bankieri u professjonisti hawn f'Malta u nistennew ukoll li jixtered b'għadd kbir fl-uffiċċji ta' banek, kumpaniji ta' kummerċ, fabbriki u aġenziji ta' barra minn Malta. B'daqshekk dan il-ktieb jiswa ta' ġid mhux biss lil dawk li jinteressahom, iżda lill-poplu tagħna kollu u jisfa' ta' ġieh lil pajjiżna wkoll.

G.

**"OLIVER TWIST".** — Maqlub għall-Malti minn Ġużè Diacono. — Progress Press Co. Lt., Valletta, 1956.—Paġ. 416.

Ġużè' D'acono xxiegħel f'ħafna friegħi tal-letteratura Maltija u nnexxa f'bosta minnhom, fosthom il-qlib ta' klassiċi barran'n f'ilsienna. Darba oħra konna ktibna dwar it-trduzzajoni ta' klassiku Ingliż, "Wuthering Heights", ta' Emily Bronte u konna għidna li Diacono kien irnexxielu mhux biss jaqleb għall-Malti r-rakkont iżda wkoll ifisser ittagħlima li fih. Dan hu mertu kbir għax il-kotba famużi fihom ġmiel, tagħlim u ispirazzjoni li kollha flimkien isawru l-opra klassika.

F'din il-biċċa xogħol oħra ta' traduzzjoni s-Sur Diacono ma niżex mil-livell għoli li kien laħaq qabel, aktarx li sebaq dak il-livell. Din id-darba t-traduttur għażel opra msemmija mhux biss għall-mertu letterarju iżda wkoll għall-morali tagħha. Din l-opra ta' Dickens meta ħarġet l-ewwel darba bl-Ingliż qajmet għajdut kbir u tat x'jaħsbu lil bosta nies, saħansitra ċaqalqet il-kuxjenza popolari hekk li ġagħlet lill-Gvern jieħu passi meħtieġa biex jintemmu xi abbużi mikxufin fir-Rumanz. "Oliver Twist" huwa s-simblu tat-tfal iltiema, minsijin u mitluqa bħal qasba tixxejjer fir-riħ. Tfal li ħadd ma ħobbhom, ħadd ma jgħożżhom, vittmi tar-regħba u tal-ħażen.

Barra s-siwi letterarju dan ir-rumanz għandu l-fejda tiegħu soċjali u t-traduttur bil-għaqal u bis-sabar għaraf jaqleb f'sura Maltija mhux biss il-libsa iżda wkoll ir-ruħ tar-rumanz. Din hi kapaċità li mhux kull traduttur għandu ħila jindaħal għaliha u difatti ħafna mit-traduzzjonijiet ta' opri barranin li għandna fil-Malti huma qlib ta' ħafħaf li ma fih ebda ħajra u ebda ħajja. Din it-traduzzjoni ta' "Oliver Twist" qisha xbieha ħajja ta' l-oriġinal, fiha stil, ħeġġa, leħma u qawwa li tolqot lil qarrej u mhux biss tgħaddilu ż-żmien u ttih pjaċir, iżda wkoll tpaxxilu d-dehen, iġġagħlu jaħseb u jikkontempla u tqanqallu sentimenti nobbli u għolja.

L-istil ta' Diacono hu stil ħafif, ġerrej u ċar, ma hux mgħabbar b'ħafna similitudini jew digressjonijiet li jdejqu lll-qarrej, anqas ma hemm kostruzzjonijiet imħabblin jew mlaqqtn li jikkonfondu lil min jaqra. It-traduttur ma jużax kliem arkajku jew safi żżejjed li jtaqqal il-kitba. Huwa għandu xeħta kbira biex fi ftit kliem milqutin u magħżulin ifisser il-ħsieb u jaqleb il-fehma ta' l-awtur oriġinali. Hekk fil-bidu tat-Taqsima 32 it-traduttur bi ftit kliem meqjus u ħafif qaleb fil-Malti t-tħaddir tas-sigar malli tidħol ir-rebbiegħa. Fl-aħħar tat-Taqsima 8, b'erba' kelmiet flokhom, hu wera l-komplimenti żejda tal-Lhudi lil Olivier.

Is-Sur Diacono għandu gost speċjali kif jaqleb il-konverżazzjonijiet u d-djalogi mill-Ingliż għall-Malti. Dawn id-djalogi fihom naturalezza u ħajja li ma tistax ma tindunax bihom. Ara d-djalogu bejn Fagin u Noah fit-Taqsima 41.

Wieħed mill-preġji ta' l-istil ta' Dickens huwa d-deskrizzonijiet ħajjin tiegħu. Biex taqleb dawn fil-Malti trid ħila u għaqal, studju u kapaċità mhux ordinarji. Diacono għaraf jegħleb dawn id-diffikultajiet u seħħlu jagħti sura fidila u ħarkiena lid-deskrizzjonijiet. Ma rridx noqgħod insemmi eżempji ta' dawn id-deskrizzjonijiet li rnexxew tajjeb, iżda ma nistax ma nsemmix ix-xena ta' quddiem il-Maġistrat fit-Taqsima 42 li hi eżempju perfett ta' deskrizzjoni milquta u sabiħa

Biex inkun għidt kollox irrid insemmi li hemm xi żbalji ta' l-ortografija aktarx li żelqu lit-traduttur. Il-format tal-ktieb hu ekonomiku biżżejjed u l-istampi li huma riprodotti mill-oriġinal ta' George Cruickshanks, kienu jirnexxu wisq aħjar kieku kienu fuq karta fina. Nittama li f'edizzjoni oħra dawn l-irqaqat ikunu korretti.

G.

---

"MILL-MILJA TA' QALBI". — Ġabra ta' Poeżiji ta' Vincent Ungaro. — Malta, 1956.—Paġ. 94.

Hawn xi bliet u rħula li għandhom tradizzjoni letterarja, bħal Ħal Qormi, fejn twieldu jew kitbu l-Patri Ġiżwita Pace, Dun Pietru Pawl Psaila, is-Sur Klement Mifsud Bonnici, il-Kav. Ġuże' Muscat Azzopardi, is-Sur Tonin Muscat Fenech, is-Sur Karm Psaila, Dr. Ġorġ Zammit. Issa laħq poeta ieħor, is-Sur Vinċenz Ungaro, żagħżugħ surmast ta' l-iskola, mimli ħeġġa u ħila, għandu ħajra kbira għall-Mużi, jikteb poeżiji ħelwin li fihom benna u leħma, ħajja u ġmiel.

Vinċenz Ungaro hu poeta romantiku bħalma aktarx jibdew il-poeti żgħażagħ kollha, iżda hu ma jintilefx fir-romantiċiżmu pur li jpaxxi u jgħaxxaq is-sensi bla ma jqanqal ir-ruħ u jħarrek id-dehen. Għandu poeżiji li għalkemm mhux fit-tul jiġbru fihom ħsibijiet għoljin u fehmiet filosofiċ ta' għerf kbir. Għoġbitna l-manjera li biha l-poeta jagħti ħajja u sura lill-ideat estratti "Il-Kburija", "Is-Sejħa" "Spes", huma eżempji ta' riflessjonijiet etiċi f'moħħ imqanqal minn xenqet il-għerf. Fihom xbiehat u dehriet li jolqtu b'dehxa kbira lill-qarrej. Araw fil-poeżija "Spes" kemm hi milquta bid-daqqa ta' l-imgħallem din ir-riferenza għattama:

"F'did-dalma ta' ħajti,
Bħal leħħa ta' berqa fil-bgħid
Xaqq dawl nilmaħ li jilma u jdawwal..."

Il-lum qagħdet li fil-poeżija tagħna wieħed jiltaqa' ma' l-element reliġjuż u l-element patrijottiku u dan narawh ukoll fil-kitba li għandna f'idejna. Bħala Qormi Vinċenz Ungaro ma jistax ma jħossx 'il-qalbu tinfexx f'għaxqa ta' ferħ għall-isem ta' San Ġorġ. Dan il-Qaddis minn dejjem kien l-ispirazzjoni ta' poeżiji kbar f'kull ilsien u fil-Malti għandna għadd bla tarf ta' komponimenti poetiċi f'ġieħu. Imma wieħed irid ikun Qormi biex jikteb bi ħrara mqanqla minn sentiment ta' qima bħal dan li ġej:—

"Sakemm ġo ġismi jibqa' jiġri demmi
U tħabbat f'qalbi tibqa' ħjiel ta' ħajja,
Tiegħek, San Ġorġ, toħroġ minn fommi l-għanja..."

Il-poeta żagħżugħ tagħna għandu wkoll qalbu tbaqbq bl-imħabba għal artna u ħoss ix-xrara li jgħanni l-glorji, il-kobor u l-ġieħ ta' din il-Gżira tagħna:

Malta, Malta, art sabiħa
Gżira ċkejkna tal-ħlewwiet..."

Żewġ versi dawn ħarkiena u mħeġġa donnhom mislutin mill-poeżija ta' Giò Anton Vassallo.

Imma l-aktar li laqtitna f'dan il-ktieb hi l-poeżija leġġendarja u tradizzjonali "F'Għar Hanżir", "Il-Għanja tal-Wiel ta' Għar Hanżir", "Il-Ballata ta' l-Ingliża" jħaldnu deskrizzjonijiet ħajjin marbutin ma' ġrajja u mkejjen li kollha flimkien isawru kwadru li jsaħħar bil-ġmiel tiegħu. Il-poeta jidher li ma jħallix il-fantasija tistgħalli biss il-ġmiel naturali tal-post, iżda jitfa' wkoll ħsibijetu fuq il-ġrajja ta' ferħ u ta' biki li twettqu f'dak il-post. "Il-Ballata ta' l-Ingliża" tista' tinghad fost l-aħjar komponimenti ta' din il-għamla li għandna f'ilsienna. B'sengħa ta' mgħallem il-poeta jġibilna xbieħa ta' tfajla stranjera mtajra minn ġibda misterjuża li bla heda twassalha kuljum fuq dak il-blat għoli tas-sies ta' Wied il-Kbir, fejn baqgħet biex temmet ħajjitha.

Il-poeta medd ilejh ukoll għas-sunetti: "San Pawl il-Baħar", "Ix-Xemxija", "Għajn Tuffieħa", "Il-Għadira", fihom l-aktar li tirkaċċa hi l-lokalizzazzjoni għalkemm fihom ukoll riflessjonijiet li jixhdu l-ħila ta l-awtur u s-suċċessi li wieħed jistenna minnu 'l quddiem f'din il-għamla ta' poeżija.

Din il-ġabra ta' poeżiji jiena nistħajjilha raħan u bidu: raħan ta' kotba oħra li 'l quddiem għad naqraw mill-pinna ta' dan l-awtur żagħżugħ; bidu tat-triq li hu minnha għad irid jgħaddi fis-suċċessi letterarji tiegħu.

G.

# KONTRIBUZZJONIJIET

**Lista ta' Kontribuzzjonijiet għall-Fond tal-Kera u Bżonnijiet oħra tad-Dar tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti għas-Sena 1956.**

| | |
|---|---|
| Ammont miġbur mit-trasmissjonijiet mir-Rediffusion ta' proża ta' Sir Temi Zammit b'inizjativa ta' l-Editur (Prof. Ġ. Aquilina) tal-"Ġabra Letterarja" | 10. 0. 0. |
| **Kontributuri:** | |
| Is-Sur Ivo Muscat Azzopardi | 1. 5. 0. |
| L-Onor. Ġuż. Ellul Mercer | 1. 0. 0. |
| Rev. Mons. Prof. P.P. Saydon | 1. 0. 0. |
| Rev. Prof. Kan. E. Coleiro | 1. 0. 0. |
| L-Onor. Dr. Anton Buttigieg | 1. 0. 0. |
| Is-Sur F.S. Caruana | 1. 0. 0. |
| Is-Sur Mario Agius | 1. 0. 0. |
| Prof. Dr. Jos. Galea | 1. 0. 0. |
| Is-Sur A. Cremona | 1. 0. 0. |
| N.N. | 15. 0 |
| | £20 0. 0. |

**Kontribuzzjonijiet oħra għas-sena 1957**

| | |
|---|---|
| N.N. | 15. 0 |
| Is-Sinjurina Karmen Micallef (minn Lixandra) | 3. 0. 0. |
| Patri Piju Rapa, O.P. | 1. 0. 0. |

Barra minn dan irċevejna wkoll minn għand is-Segretarju ta' Laqgħa Letterarja bilanċ ċkejken ta' dħul mit-trasmissjonijiet li saru mir-*Rediffusion* tal-poeżija u proża li nqraw f'dik il-Laqgħa u li kien propost imur favur dan il-Fond wara li jitħallsu l-ispejjeż tal-Laqgħa. Dan il-bilanċ jiġi ippubblikat malli nirċievu l-bqija ta' bilanċ minn xi trasmissjonijiet oħra li għadhom ma tħallsux.

**N.B.** Dawk li jixtiequ jikkontribwixxu għall-Kera ta' sena oħra huma mitlubin jikkunsinnaw jew jibagħtu l-kontribuzzjoni tagħhom lit-Teżorier, is-Sur Victor Apap (Central Office of Information), il-Belt Valletta.

JINBIEGĦ 1/-